**L-isport favorit tiegħi**

Fid-dinja hawn ħafna tipi differenti ta' sports fosthom it-tlielaq tal-karozzi li hu l-isport favorit tiegħi. Dan l-isport jogħġobni għax hu magħruf mad-dinja kollha. Jien bdejt insegwih fl-1994 meta kelli xi ħames snin.

Dan l-isport beda fl-1950 meta s-sewwieq Taljan Farina rebaħ l-ewwel kampjonat. F'dan l-isport jibqa' msemmi s-sewwieq Arġentin Juan Manuel Fangio li rebaħ ħames kampjonati: ta' l-1951, 1954, 1955, 1957 u 1958. Matul is-snin is-sewwieqa nbiddlu, nibtu timijiet ġodda, infetħu ċirkwiti differenti u l-karozzi tbiddlu fil-forma, fil-magna u fit-tajers.

Illum dan l-isport għadu ħaj u qed isir dejjem aktar popolari. Infetħu klabbs, saru videos u mudelli tal-karozzi u ġew ippubblikati rivisti u kotba bir-radam.

Dan l-isport ma jikkonsistix biss fi tlielaq iżda hemm affarijiet oħra. L-ewwel ħaġa hi li meta jispiċċa kampjonat xi timijiet jixtru sewwieqa minn timijiet oħra. Wara jibdew jipproġettaw fuq il-karozzi għall-kampjonat li jmiss. Wara dan kollu jibdew isiru testijiet f'xi treks. Dawn ikomplu sakemm jibda l-kampjonat. Imbagħad meta jibda l-kampjonat isiru provi fuq l-ewwel trek. Il-ġurnata ta' wara, jiġifieri s-Sibt, issir il-*Pole Position* fejn is-sewwieqa jikkwolifikaw l-aħjar ħin fuq il-*grid*. Imbagħad il-Ħadd issir it-tellieqa fejn it-tnejn u għoxrin sewwieq jippruvaw jgħaddu lill-oħrajn u jippruvaw jiġu ma' l-ewwel sitta biex jieħdu l-punti.

F'dan l-isport irid ikollok il-kapaċitá biex issuq. L-akbar sewwieq għaliha hu David Coulhard għax hu kważi dejjem jiġi l-ewwel. La nikber jien nixtieq insir bħalu.